# IĊ-ĊURKETT TAT-TIEĠ

Fost il-ħafna għamliet ta' ċerimonji li bihom isir iż-Żwieġ imqaddes, insibu li sewsew kif il-għarajjes, fuq l-altar, jagħtu l-kelma li jkunu ta' xulxin għal dejjem, dak il-ħin sewwa, il-qassis, liebes l-istola bajda, ibierek ċurkett, jagħtih lill-għarus sabiex dan iqiegħdu fir-raba' saba' ta' l-id ix-xellugija tal-għarusa.

Din iċ-ċeremonja taċ-ċurkett għandha bidu qadim ferm qalb l-insara, l-għaliex Tertulljan, li għex mis-sena 160 sal-240 W. K., isemmih u jitkellem fuqu, (1) u l-qaddis Isidor minn Sivilja, li miet fis-sena 686, mhux biss li jsemmih, imma jgħid ukoll li l-għarus kien jagħti ċ-ċurkett lill-għarusa *b'sinjal ta' mħabba*, u kien ixiddulha *fir-raba' saba' l-għaliex, kif igħidu, minnu tgħaddi vina tad-demm li twassal sal-qalb* (2).

Din id-drawwa taċ-ċurkett fit-Tieġ, l-insara ma kinux ħaduha minn fuq il-Lhud, il-għaliex dawn fit-Tieġ aktarx li kienu jagħtu lill-għarusa flus u mhux ċurkett; imma minn fuq ir-Rumani fejn l-għarus kien jagħti lill-għarusa ċurkett bħala xhieda ta' rabta bejniethom u tħejjija għat-Tieġ. U din id-drawwa qalb ir-Rumani kienet bil-bosta qadima wkoll; ara kemm hu hekk li Plawto, li għex fuq il-200 sena qabel il-miġja ta' Kristu fid-dinja, isemmiha u jitkellem fuqha (3). Fil-bidu dan iċ-ċurkett kien ikun tal-ħadid, u hekk baqa' għal ħafna żmien, meta wkoll f'Ruma kienet daħlet id-drawwa tat-tiżjin tas-swaba' biċ-ċrieket ted-deheb, (4) u mix-xhieda ta' xi Kodiċijiet tas-seklu VII insiru nafu wkoll li dan iċ-ċurkett kien jagħti qawwa hekk kbira lir-rabta ta' bejn l-għarajjes illi dawn ma kinux jistgħu jħallu lil xulxin iktar jekk mhux bir-rieda it-tajba tat-tnejn flimkien. (5)

Fil-1872 fil-belt ta' Sirakusa nstab wieħed minn dawn iċ-ċrieket antiki tat-Tieġ li hu aktarx tas-seklu VII, u l-lum

(1) P. L., T. I, p. 353,
(2) De Eccles. Off., II, 20.
(3) Miles gloriosus, IV, I, 11.
(4) P. L., I. c.
(5) Pertz : Monum. Germ. hist. Leg. Vol. IV, p. 122.

jaghtu u mhux jagħtih

agħrajjes mhux għarajjes



jinsab merfugħ fil-Mużew ta' Palermu. Dan iċ-ċurkett hu tad-deheb u fil-għajn jew wisa' tiegħu jidher minqux Kristu li qiegħed ipoġġi kuruna ta' ward fuq ir-ras ta' żewġ għarajjes. Ma' dwarhom jidhru minquxin xi kelmiet bil-grieg meħudin mill-Kotba Mqaddsa li bil-malti jfissru : ***Bħala tarka tal-ħniena tiegħek inti nkoronajtna*** (6). Madwar iċ-ċurkett imbagħad jidhru minquxin ukoll seba' xeniet sbieħ meħudin mill-Vanġelu. U fil-Kappella tat-Tieġ tal-Madonna ma' San Ġużepp fil-Katedral ta' Peruġja, igħidu li jinsab iċ-ċurkett tat-Tieġ ta' Sidtna Marija. Donnu magħmul mirrħam abjad jew alabastru, imma aktarx li hu ta' ħaġar l-iktar fin, ametista, tas-Sirja. (7)

Mix-xhieda li jagħtuna dawn il-għorrief li semmejna fuq u oħrajn ukoll li m'hemmx bżonn noqogħdu nsemmuhom b'isimhom, ma jidhirx li dan iċ-ċurkett kien jiġi mbierek qabel ma jingħata lill-għarusa. L-ewwel kotba li jitkellmu fuq it-tberik ta' dan iċ-ċurkett aktarx li huma dawk tal-Knisja Mozarabika ta' Spanja, miktubin fis-seklu XI. Dan it-tberik, skond dawn il-kotba, ma kienx jista' jsir f'dar il-għarajjes, imma jew fil-Knisja jew fil-bitħa tagħha. (8). Iżda, billi mal-għoti taċ-ċurkett kienet tiġi mogħtija d-dota wkoll jew tinqara r-rabta ta' bejn l-agħrajjes, u billi l-Knisja fis-seklu XII għamlet għażla sħiħa u ċara bejn *għerusija* u *Tieġ*, aktarx li minn dak iż-żmien il hawn dak iċ ċurkett li kien jingħata lill-għarusa fl-għarusija, beda jitbierek u jingħata lilha fit-Tieġ.

P. P. T.

(6) Salm V, 12.
(7) Less. Eccl., Vol. I.
(8) Martène : De Antiq. Eccl. Ritibus.